MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2013

Numru. 330/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Lorna Zammit ta' 48 sena, bint Paul Mario Borg u Jean nee` Despott, imwielda Pieta` nhar is-26 ta' Gunju 1964, residenti fil-fond numru 8, Arvi, Flat 4, Triq Nicolo Isuard, Mosta, u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 33264M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli fis-17 u t-18 ta' Novembru 2012 minn gewwa il-lukanda Golden Sands fil-parti maghrufa Myoka, u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer

1. Ikkommettiet serq ta’ credit cards liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna.

2. kif ukoll talli b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet follow, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi folos, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta’ Kristienne Camilleri, tal-Bank of Valletta u/jew persuni ohra.

3. kif ukoll talli ghamel qliegh iehor b’qerq bi hsara ta’ Kristienne Camilleri , tal-Bank of Valleta u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata. il-fedina penali nadifa taghha, il-fatt illi l-imputata ikkoperat mal-pulizija, irritornat il-credit cards u l-

flus mehuda minnha u l-fatt illi l-imputata iddispjaciha ghal dak li ghamlet li sar sforz tal-bzonn biex titma lill-uliedha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 268, 308 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------